**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 024/2020**

**PH (l-ilmentatur)**

**vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**(Il-provditur tas-servizz/Il-Bank)**

**Seduta tat-3 ta' Novembru 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn bazikament l-ilmentatur jghid:

Illi f'Novembru 2018 kien qieghed fuq *business trip* gewwa Hong Kong u avza lill-Bank bid-dati ta' meta kien ser ikun imsiefer;

Illi l-ilmentatur ghandu zewg *HSBC Visa Electron Cards,* wahda ghall-kont personali tieghu u ohra ghal kont kongunt;

Illi meta pprova juza dawn il-*Visa Electron Cards* tal-HSBC dawn ma hadmux (Dok A);

Illi dan wassal ghal hafna hela ta' hin u sahansitra l-ilmentatur kellu joqghod fil-*Hotel Room* gewwa Kowloon sakemm gew trasferiti l-flus mill-HSBC *accounts* ghal *account* ta' Bank iehor (BOV) biex b'hekk hu seta' juza l-*VISA Electron Card* li ghandu tal-BOV;

Illi ghalhekk kellu juza *Visa Card* ohra ta' bank iehor li hadmet;

Illi l-ilmentatur kien kellem lill-HSBC dwar dan l-incident u kienu offrewlu s-somma ta' €500 (Dok B) liema offerta giet rifjutata;

Illi l-provditur tas-servizz naqas milli joffri servizz affidabbli u, ghalkemm kien avzat minn qabel bid-dati tas-safar tal-ilmentatur, ma sar xejn biex jizgura li l-*Visa Electron Cards* tal-ilmentatur jahdmu bla diffikultà. Dan meta l-ilmentatur kien qed jivvjaggja f'kontinent iehor u, ghalhekk, kellu jkun hemm konferma li dawn il-*cards* jahdmu.

Minhabba dan in-nuqqas, l-ilmentatur ma setax ikollu access ghall-kontijiet bankarji tieghu u ma setax jigbed flus mill-ATMs u ma setax ihallas bl-istess *Visa Electron* fil-hwienet, meta l-iskop ta' tali *cards* huwa appuntu li wiehed isiefer bihom;

Ghalhekk qed jitlob lill-Arbitru jordna lill-Bank ihallsu €709.66 tal-vjagg bl-ajru; €353 spejjez tal-lukanda u €178 hlas tal-konferenza.

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz li tghid:

Illi t-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante:

1. Illi PH kellu *student ticket* ghas-Seminar '*Media Education Summit 2018*' li sar f'Hong Kong bejn l-1 ta' Novembru 2018 u t- 2 ta' Novembru 2018;

2. Illi sabiex PH jattendi ghas-seminar, huwa kien Hong Kong bejn it-30 t'Ottubru 2018 u l-4 ta' Novembru 2018;

3. Illi PH qal li pprova juza l-*cards* tieghu mahruga minn *HSBC Bank Malta p.l.c.* izda dawn ma hadmux; qal ukoll li kellu *cards* mahruga mill-*Bank of Valletta* u dan hadmu;

4. Illi fit-18 ta' Marzu 2019 il-Bank kien offra lil PH is-somma ta' €400, liema offerta giet rifjutata u sussegwentement il-Bank kien offra lil PH is-somma ta' €500 liema offerta ukoll giet rifjutata. Dawn l-offerti saru qabel ma l-Bank kien edott mill-fatti sottomessi f'din ir-risposta;

5. Illi l-Bank investiga aktar fil-profond u b'konsegwenza tar-rizultat tal-investigazzjoni fit-2 ta' Marzu 2020, l-Bank kiteb lill-klijent u nfurmah li kull offerta li saret mill-Bank kienet qed tigi rtirata;

6. Illi fil-15 ta' Marzu 2019, PH kien qal lill-Bank li hu kien mar ghal konferenza ta' gimgha li swietlu eluf u li hu ma setax jattendi ghall-ewwel

jumejn tas-seminar imma attenda ghas-seminar biss fit-tielet gurnata. Dan mhux minnu ghaliex il-konferenza kienet biss fuq jumejn u, cioè, bejn l-1 ta' Novembru 2018 u t-2 ta' Novembru 2018, hekk anke skont il-provi dokumentarji li pproduca PH stess u l-prezz tas-seminar imhallas minn PH bil-quddiem kien jikkomprendi l-ikel, ix-xorb u l-*closing dinner* tat-2 ta' Novembru 2018 (Dok A) u ghalhekk it-talba tieghu kienet infondata.

7. Illi PH kien hallas ghall-vjagg, ghal-lukanda u ghas-seminar qabel ma telaq minn Malta.

8. Illi PH kellu *cards* mahruga mill-*HSBC Bank Malta p.l.c.* li jahdmu tant illi PH bejn id-29 t'Ottubru 2018 u l-4 ta' Novembru 2018, ghamel diversi tranzazzjonijiet bl-istess *cards* mahruga mill-*HSBC Bank Malta p.l.c.* kemm f'Dubai kif ukoll f'Hong Kong kif jirrizulta mill-i*statement* tal-kont tieghu hawn anness u allura jirrizulta car illi l-Bank kien ipprovda *cards* li jahdmu.

9. Illi PH fl-20 t'Ottubru 2018 kien sarraf is-somma ta' €573.55 f'HKD5,000 (Dok B) u ghalhekk b'ebda mod ma kien zvantaggjat kieku veru ipprova juza l-*cards* mahruga mill-*HSBC Bank Malta p.l.c.* li ma hadmitlux apparti l-fatt li l-*cards* mahruga mill-*Bank of Valletta* hadmulu.

10. Illi l-ispejjez ta' tragitt ghall-konferenza mil-lukanda u lura kienu moderati hafna stante li l-vjagg kien qasir u facilment seta' jittiehed bit-trasport pubbliku waqt li anke *taxi* kienet tqumlu biss taht il-hmistax-il Ewro.

11. Illi minn stharrig li sar jirrizulta li ghalkemm PH kien iggwidat mill-*website* tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* fuq liema numru tat-telefon seta' jcempel f'kaz ta' diffikultà, ma hemm ebda evidenza li saret xi **telefonata jew *personal internet banking message*** minn PH (fejn kien jigi iggwidat biex jidentifika ruhu kieku ghamilha) lill-Bank waqt il-mawra tieghu go Hong Kong.

Ghar-ragunijiet kollha sopracitati, l-*HSBC Bank Malta p.l.c* bir-rispett titlob illi t-talbiet tal-ilmentatur ghandhom jigu respinti.

Salv sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u b'riserva li jressaq xhieda, dokumenti u provi ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkunsidra:**

Dan l-ilment huwa dwar dak li l-ilmentatur jghid li huwa nuqqas ta' servizz tajjeb mill-provditur tas-servizz meta l-*cards* mahruga minnu, cioè, l-*Visa Electron Cards* li ha mieghu f'safra f'Hong Kong ma hadmux u b'hekk sofra danni li skont hu jammontaw ghal €1,422, li jinkludu l-hlas tal-vjagg tal-ajru, il-hlas tal-lukanda u l-hlas tal-konferenza.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li fil-bidu kien lest ihallas lill-ilmentatur is-somma ta' €500, izda wara li ghamel aktar verifiki rrizultalu li l-*cards* kienu jahdmu tant li bejn id-29 t'Ottubru 2018 u l-4 ta' Novembru 2018, kien ghamel diversi tranzazzjonijiet bihom kemm f'Dubai kif ukoll f'Hong Kong kif irrizulta mill-i*statement* tal-bank tieghu; u, allura, jirrizulta bl-aktar mod car li l-Bank kien ipprovda *cards* li kienu jahdmu. Ghalhekk, iddecieda li l-offerta li kien ghamel jirtiraha u qed jitlob lill-Arbitru jichad it-talbiet tal-ilmentatur ghall-kumpens.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

Meta xehed quddiem l-Arbitru,[1] l-ilmentatur qal li kemm meta kien Malta u kemm meta kien Dubai il-*cards* tal-HSBC hadmu sew u seta' juzahom, izda meta kien Kowloon f'Hong Kong, il-*card* ma gietx onorata kemm fil-lukanda u anke fil-hwienet li pprova juzahom fihom.

Zied li ddecieda li l-ewwel jum tal-konferenza ma jattendix ghax ma hassux *safe* u ried jittrasferixxi xi flus mill-*account* tieghu ghal mal-BOV biex ikun jista' juza l-*card* tal-BOV li hadmet.

Meta gie lura hass li l-ghanijiet tat-tragitt tieghu ma ntlahqux ghax qatta' l-31 t'Ottubru u l-1 ta' Novembru fil-lukanda peress li ma kellux access ghall-flus tieghu u, ghalhekk, ghamel ilment mal-HSBC dwar dan fejn l-HSBC kienu offrewlu l-ewwel €400, imbaghad, €500, li hu m'accettax. Hu m'accetta l-ebda offerta tal-HSBC ghaliex hass li l-objettivi li kellu biex mar Hong Kong ma kinux

[1] *A Fol.* 73 *et seq*

intlahqu. Il-kumpens li offrielu l-Bank m'accettahx ghaliex ried li jigi moghti l-ispejjez li kien ghamel biex wasal Hong Kong u biex gie lura.

Qed jitlob il-flus kollha li nefaq kif jidher fil-formola tal-ilment.[2]

Jghid li l-konferenza kienet fuq jumejn u tilef gurnata minnhom ghaliex '*hassejt li ma kellix nohrog mil-lukanda bhala prekawzjoni peress li ma kellix cans ghall-flusi'.*[3]

Zied jghid li hu hareg mil-lukanda fit-tielet jum wara li kien sar trasferiment ta' flus mill-HSBC ghall-BOV. '*Minn hemmhekk jiena stajt nohrog.*'[4] Qal li kien qed jitlob il-hlas tal-*flights* u tal-lukanda ghaliex hass li la tilef gurnata mill-konferenza l-objettivi tieghu ma ntlahqux.

Waqt il-kontroezami qal li l-*presentation* li kellu jaghmel fil-konferenza hu ghamilha. Mistoqsi ippruvax jikkuntattja lill-HSBC qal li ma setax ghax access ghall-*mobile phone* ma kellux u kkuntattja lill-mara bil-WIFI. Il-mara ikkuntattjat lill-HSBC u qalulha li sakemm ma jikkuntattjahomx hu, huma ma setghu jaghmlu xejn.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehdet **Marianne Vella**[5] li, fost affarijiet ohra, qalet li l-ilmentatur kellu jmur konferenza Hong Kong fejn kellu jipprezenta *paper* u qabel telaq kien biddel €515 ghall-munita ta' Hong Kong.

Kif wasal, il-*cards* tal-HSBC ma hadmux u kellu juza *cards* ta' banek ohra. Qalilhom li minhabba dan, dam *stranded* fil-lukanda ghal jumejn, imma l-*paper* li kellu jipprezenta fil-fatt kien ipprezentaha.

Meta gie lura ghamel *complaint* u mill-investigazzjoni li ghamlu ma '*jidhirx li l-cards ma hadmux ghax kienu difettuzi'.*[6]

---

[2] *A Fol.* 3
[3] *A Fol.* 74
[4] *Ibid.*
[5] *A Fol.* 75 *et seq*
[6] *A Fol.* 75

Skont ix-xhud, il-*card* hadmet Malta u fit-tragitt hu u sejjer, u anke hu u gej Malta. Ghalhekk il-*cards* ma kinux difettuzi. Offrewlu €400, u wara €500, *in good faith* izda l-ilmentatur m'accettax.

Komplew jinvestigaw u rrizultalhom li l-konferenza kienet ghal jumejn u mhux ghal tlett ijiem. Qabel telaq minn Malta kien sarraf €515 kontanti fi flus ta' Hong Kong u meta ccekkjaw id-distanza bejn il-lukanda u fejn kellha ssir il-konferenza, sabu li ma kinetx distanza twila u seta' jaqbad xi tip ta' trasport li ma kienx jiswa hafna flus.

Ma sabu l-ebda telefonata min-naha tieghu li kien *stranded* fil-lukanda; u l-*card* kienet hadmet fl-ajruport, jigifieri, l-*card* kienet qed tahdem. Sabu wkoll li kemm il-*flight,* kemm il-lukanda kif ukoll l-i*student package* kienu digà mhallsa minn qabel minn Malta, jigifieri, l-*business conference* setghet titkompla.

Waqt ir-riezami xehdet li l-ilmentatur kellu kemm *cards* tal-HSBC u anke ta' banek ohra. Kellu wkoll *advance package* tal-HSBC, u wahda mill-beneficcji ta' dan il-pakkett kienet li seta' jmur l-eqreb fergha tal-HSBC (fejn id-distanza bejn il-lukanda u l-HSBC kienet zghira) u seta' jaghmel *emergency encashment*, jigifieri, jaghmlulu *withdrawal* direttament mill-kont tieghu. Seta' jigbed sa 10,000 dollari Amerikani, jiddependi skont il-bilanc tieghu, izda hu ma ghamilx uzu minn dan is-servizz.

In kontroezami, ix-xhud ikkonfermat li l-informazzjoni dwar dan is-servizz ta' *advance withdrawal* kien jinsab fil-*brochure* tal-*package* u liema informazzjoni kienet ukoll fuq il-*website* tal-Bank.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**

Dan il-kaz ghandu zewg elementi ewlenin:

1. Jekk il-*cards* hadmux jew le;
2. U, f'kaz li ma hadmux, x'danni sofra l-ilmentatur.

*Jekk hadmux il-cards*

L-ilmentatur jghid li z-zewg *HSBC Visa Electron cards* ma hadmux fil-hwienet f'Hong Kong, ghalkemm hadmu fl-ajruport u f'Malta. Il-Bank jghid li din kienet prova li l-*cards* ma kellhomx difett.

Però, l-Arbitru jinnota li ghalkemm waqt it-trattazzjoni tal-kaz ix-xhud tal-HSBC tinnega l-fatt li l-*cards* ma hadmux Hong Kong, fil-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Bank u l-ilmentatur, il-Bank ammetta li kien inholoq xi forma ta' inkonvenjent lill-ilmentatur meta qallu:

'***I had the opportunity to look into the matter and acknowledge***[7] *that the service you received on this occasion fell short of what you rightly expect from us.'*[8]

Fl-istess komunika il-Bank offra kumpens ta' €500, izda ghamilha cara mal-ilmentatur li dan kien ghall-iskomdu li holqulu ghax l-iskop tal-vjagg tieghu kien intlahaq.

Waqt is-smigh tal-provi, ix-xhud tal-Bank qalet li din l-offerta giet irtirata ghaliex minn stharrig ulterjuri li ghamlu skoprew li l-ilmentatur ma kienx qalilhom il-verità kollha. Però, x-xhud tal-Bank, filwaqt li qalet li kellha l-prova tal-i*statement* li l-ilmentatur kien ghamel uzu mill-*card* bejn id-29 u l-4 ta' Novembru 2018, u qalet li kienet qed tipprezenta l-i*statement,* fil-fatt, dan l-i*statement* ma pprezentatux.

Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet finali tieghu, il-Bank jammetti li f'xi zmien il-*cards* setghu ma hadmux meta qal:

'*Is-Sur PH kellu ghad-dispozizzjoni tieghu tliet cards tal-HSBC, u wahda tal-BOV. Mit-tliet cards tal-HSBC, tnejn ma hadmux u t-tielet wahda ma nafux jekk ma hadmitx jew ma ppruvax juzaha jew le ghax jidher li minn dak li ntqal s'issa, is-Sur PH m'ghamilx uzu mill-Visa Card tieghu'.*[9]

L-Arbitru jqis ukoll li meta l-Bank kien offra s-somma ta' €500 kien digà iccekkja jekk kienx hemm xi perjodu fejn il-*cards* ma hadmux, ghax fl-istess offerta jintqal li l-offerta kienet qed issir wara li l-Bank kien ghamel il-verifiki tieghu u ammetta (*acknowledged*) '*that the service you received from us fell short of what you rightly expect from us'.*[10]

---

[7] Enfasi tal-Arbitru
[8] *A Fol.* 9
[9] *A Fol.* 77
[10] *A Fol.* 9

Il-Bank bidel fehmtu ghaliex meta ccekkja l-fatti ulterjorment stabbilixxa li minkejja li l-*cards* ma hadmux ghal xi perjodu, l-ilmentatur seta' jinqeda xort'ohra u ma kienx igarrab id-danni li kien qed jghid li garrab.

Ghalhekk il-probabbilità hi li verament li z-zewg *cards Visa Electron* setghu ma hadmux f'xi mumenti meta l-ilmentatur ipprova juzahom f'xi hwienet Hong Kong. Ghalhekk, l-Arbitru ser jghaddi ghat-tieni parti tal-ilment u, cioè, id-danni li seta' sofra l-ilmentatur minhabba dan l-incident.

*Il-Kwistjoni tad-Danni*

Huwa legalment u gurisprudenzjalment stabbilit li min jidhol ghal obbligazzjoni legali jrid jaqdiha u, jekk l-obbligazzjoni ma tigix onorata, jkun hemm l-effetti sekondarji f'forma ta' danni.

Dan hu stabbilit kemm fil-ligi generali[11] kif ukoll gurisprudenzjalment:

*'Illi huwa principju accettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali jgib fis-sehh l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jigifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat ghalih irid jaghmel tajjeb ghad-danni li tkun garrbet il-parti li maghha kien intrabat.'*[12]

F'dan il-kaz, il-Bank ikun obbliga ruhu li l-*cards* li hareg lill-ilmentatur kellhom jahdmu fil-mument li l-*cardholder* ikollu bzonn juzahom. M'hemmx dubju li kien hemm rabta kuntrattwali bejn il-Bank u bejn l-ilmentatur dwar l-uzu tal-*cards* u l-obbligi taz-zewg partijiet fl-uzu tal-istess *card.*

Ghalkemm l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat il-kuntratt specifiku li kien jirregola l-uzu ta' dawn il-*cards,* m'hemmx dubju li kienet tezisti rabta kuntrattwali bejn il-Bank u l-ilmentatur u l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-Bank joffri l-*cards* ghall-uzu ta' kreditu jew biex il-konsumatur jaccessa ghall-kontijiet tieghu. Il-Bank ma allega l-ebda uzu hazin min-naha tal-ilmentatur.

Il-Bank stess irrikonoxxa l-fatt li b'xi mod naqas milli jaghti s-servizz kif kien mistenni minnu u offra kumpens. Dan wara li kien ghamel certu verifiki; u l-

[11] Kap. 16, Art. 1125
[12] *AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello,* QA Inf, 10.10.2005; *Savemart Company Ltd vs M.A. Suoermarkets Ltd*, PA, 5/03/2009

verifiki ulterjuri li ghamel kienu biss biex jistabbilixxi verament x'danni seta' sofra l-ilmentatur.

L-Arbitru jaqbel mal-verzjoni tal-Bank dwar il-*quantum* tad-danni li seta' sofra l-ilmentatur. Mill-fatti jirrizulta li l-ilmentatur, fil-fatt, kien ghamel il-vjaggi minn Malta ghal Hong Kong u lura u hallas ghalihom qabel telaq minn Malta; hekk sar ukoll ghall-hlas tal-lukanda u ghall-hlas tal-konferenza. In-nuqqas ta' uzu tal-*card* gara **wara** u, ghalhekk, bl-ebda mod ma affettwa l-hlas taghhom.

L-ilmentatur jghid li d-danni li sofra kienu minhabba li l-oggettiv tal-vjagg ma sehhx ghaliex tilef jumejn mis-safra u gurnata mill-konferenza ta' jumejn. L-Arbitru hu tal-fehma li l-fatt li l-*cards* ma hadmux f'Hong Kong ma kellux iwassal lill-ilmentatur biex ma jmurx ghall-ewwel gurnata tal-konferenza. Il-Bank sostna li ma kienx hemm boghod mil-lukanda ghas-sala tal-konferenza u bi ftit flus seta' jasal. L-ilmentatur ma jinnegax dan.

Barra minn hekk, l-ilmentatur kien sarraf  b'valur ta' €515 fil-munita ta' Hong Kong, (l-HKD), li kienu jammontaw ghal 5,000 HKD u ma setax nefaqhom hlief f'Hong Kong. Ma kienx ilu li wasal Hong Kong u, ghalhekk, kellu *cash* bizzejjed biex jinqeda sakemm ghamel *transfer* bejn bank u iehor; apparti l-fatt li l-lukanda kienet digà thallset u anke l-konferenza kienet thallset ukoll.

Ghalhekk ir-raguni li gab l-ilmentatur biex ma jmurx l-ewwel gurnata tal-konferenza mhix raguni valida. L-ilmentatur qal ukoll li l-*paper* li kellu jipprezenta, fil-fatt, ipprezentaha u, ghalhekk, lahaq il-qofol li ghalih kien siefer.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru ma jaqbilx ma' dak li qal l-ilmentatur, li l-objettiv tas-safra ma kienx intlahaq minhabba n-nuqqas tal-uzu tal-*cards.*

Irid jinghad ukoll li meta l-Arbitru staqsa lill-ilmentatur x'ipprova jhallas bil-*cards* l-ilmentatur qal li kif wasal l-ajruport f'Hong Kong ipprova jixtri xi haga lill-mara u pprova jixtri xi haga ghalih u specifika li ried jixtri xi haga x'jiekol.[13]

Il-flus *cash* fil-munita Hong Kong Dollar ma setax nefaqhom f'Dubai, minn fejn kien gej u, ghalhekk, l-ilmentatur kellu flus kontanti bizzejjed fuqu biex ihallas ghall-ikel li xtaq jixtri mill-ajruport kif wasal Hong Kong.

[13] *A Fol.* 78

Ghalhekk l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li d-danni li sofra l-ilmentatur huma dawk li qed jghid.

L-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 ihalli fid-diskrezzjoni tal-Arbitru kif ghandu jinhadem il-kumpens.

Izda fil-kwantifikazzjoni tad-danni l-Arbitru jrid ukoll jimxi fuq dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ir-ragonevolezza u l-proporzjonalità ghandhom ikunu l-gwida ewlenija li fuqha jimxi l-Arbitru sabiex id-decizjoni tkun wahda gusta u ekwa. Is-soluzzjoni qatt ma tista' tkun wahda preciza ghaliex tiddependi fuq soluzzjoni soggettiva li tistrieh fuq il-kuxjenza u l-konvinzjoni morali tal-gudikant.

Il-gustizzja ekwittattiva, ghalkemm ma tistax tkun preciza, hija l-ghodda li l-legizlatur ta lill-Arbitru biex tkun tista' ssehh il-gustizzja. Anke l-Qrati taghna f'diversi kazi iddecidew il-kumpens *arbitrio et boni viri* ghaliex hekk ikunu jitolbu c-cirkostanzi tal-kaz.

L-Arbitru haseb fit-tul fuq dan u jikkonkludi li verament li l-ilmentatur gie mcahhad mill-uzu tal-*cards* ghal xi zmien, u dan ammettih il-Bank kemm meta offra l-kumpens u anke fis-sottomissjonijiet finali quddiem l-Arbitru kif spjegat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni. Izda n-nuqqas tal-uzu tal-*cards* ma kkagunax id-danni li qed jghid l-ilmentatur.

Meta qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Arbitru wasal ghall-konkluzjoni li l-ammont li kien offra l-Bank fl-ewwel okkazjoni u, cioè, l-ammont ta' €400 kien wiehed gust u l-ilmentatur kellu jaccettah.

Ghalhekk l-Arbitru qed jiffissa d-danni li sofra l-ilmentatur fis-somma ta' €400.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *HSBC Bank Malta p.l.c.* ihallas lill-ilmentatur is-somma ta' erba' mitt ewro (€400).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**